A.L. 24 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) – B.Ed. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Education (Honours) – B.Ed. (Hons) – taħt l-patroċinju tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni;

"il-Fakulta' " tfisser il-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Education (Honours) – B.Ed. (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm ta'studji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Education (Honours) – B.Ed. (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2004 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Grad jingħata taħt il-patroċinju tal-Fakulta' fl-Edukazzjoni Primarja jew fl-Edukazzjoni Sekondarja bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni.

4. (1) L-applikanti li jagħżlu l-Edukazzjoni Sekondarja bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni huma meħtieġa jagħżlu wkoll qasam jew żewġ oqsma ta' tagħlim.

(2) L-oqsma ta' tagħlim għal qasam ta' speċjalizzazzjoni ta' l-Edukazzjoni Sekondarja jintgħażlu kif ġej: żewġ oqsma ta' tagħlim minn Grupp A, jew qasam ta' tagħlim minn Grupp B, jew qasam ta' tagħlim minn Grupp Ċ, jew xi qasam ta' tagħlim jew għażla ta' oqsma ta' tagħlim kif approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord. Fi kwalunkwe sena, l-oqsma ta' tagħlim ikunu offruti skond id-disponibilta' tar-riżorsi u l-għadd ta' applikanti li jagħżluhom.

5. (1) L-oqsma ta' tagħlim fi Grupp A jkunu dawn li ġejjin: l-Arti, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġografija, il-Ġermaniż, l-Istorja, it-Taljan, il-Malti, l-Istudji tal-Mużika, l-Edukazzjoni Reliġjuża, l-Ispanjol.

(2) Dawn l-għażliet ta' oqsma ta' tagħlim minn Grupp A normalment mhumiex offruti:

- l-Arti u l-Franċiż
- l-Ingliż u l-Istudji tal-Muzika
- Il-Ġografija u jew il-Malti jew l-Edukazzjoni Reliġjuza
- Il-Ġermaniż u l-Istorja
- il-Malti u jew l-Ingliż, jew it-Taljan, jew l-Edukazzjoni Reliġjuża
- l-Ispanjol u l-Ingliż
- l-Ispanjol u l-Istudji tal-Muzika.

6. Il-qasam ta' tagħlim fi Grupp B huwa x-Xjenza, bi speċjalizzazzjoni fil-Bijoloġija, jew fil-Kimika, jew fil-Fiżika.

7. L-oqsma ta' tagħlim fi Grupp Ċ ikunu dawn li ġejjin: il-Kompjuting, il-Home Economics, il-Matematika, l-Iżvilupp Personali u Soċjali, l-Edukazzjoni Fiżika, u d-Disinn Tekniku u t-Teknoloġija.

8. (1) Il-Bord għandu jħabbar l-oqsma ta' tagħlim offruti fi ħdan il-qasam ta' speċjalizzazzjoni ta' l-Edukazzjoni Sekondarja kif approvat mis-Senat, qabel il-bidu ta' kull Kors.

(2) F'oqsma ta' tagħlim fejn l-għadd ta' pjazzamenti fl-iskejjel huwa limitat, il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw f'dawn l-oqsma ta' tagħlim, skond l-għadd ta' pjazzamenti fl-iskejjel disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jitħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jintgħażlu permezz ta' intervista.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

9. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għall-kors imniżżla f'dan l-ordinament.

(2) Jekk jagħżlu l-Edukazzjoni Primarja bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni, l-applikanti għandhom ikunu:

(a) **Għad-dħul f'Ottubru 2004 u f'Ottubru 2005:**

(i) għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar fi kwalunkwe suġġett; u

(ii) għaddew fil-Livell Intermedju bi Grad C jew aħjar f': l-Ingliż, il-Malti, u wieħed minn dawn: il-Matematika Applikata, il-Bijoloġija, il-Kimika, ix-Xjenza Ambjentali, il-Fiżika, jew il-Matematika Pura; u

(iii) għaddew f'testijiet ta' profiċjenza fl-Ingliż, fil-Malti u fil-Kompjuter Bażiku approvati mill-Fakulta'. L-istudenti huma mistennija jgħaddu mit-tlett testijiet kollha qabel it-tmiem tat-tieni sena tal-Kors. Jekk ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit, l-istudenti jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

(b) **Għad-dħul minn Ottubru 2006 'il quddiem:**

(i) għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar f'wieħed minn dawn: l-Ingliż, il-Malti, il-Matematika Applikata, il-Bijoloġija, il-Kimika, il-Fiżika jew il-Matematika Pura; u

(ii) għaddew fil-Livell Intermedju bi Grad C jew aħjar f'żewġ suġġetti minn dawn (is-suġġett ippreżentat fil-Livell Avvanzat ma jgħoddx): l-Ingliż, il-Malti, il-

Matematika Applikata, il-Bijoloġija, il-Kimika, ix-Xjenza Ambjentali, il-Fiżika jew il-Matematika Pura; u

(iii) għaddew f'testijiet ta' profiċjenza fl-Ingliż u fil-Malti, approvati mill-Fakulta', u kisbu l-European Computer Driving License (ECDL) qabel il-bidu tal-Kors. L-applikanti li ma jgħaddux mit-testijiet ta' profiċjenza u li ma jkollhomx l-ECDL qabel il-bidu tal-Kors ma jidħlux fil-Kors.

(3) Jekk jagħżlu l-Edukazzjoni Sekondarja bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni, l-applikanti għandhom:

(a) għaż-żewġ oqsma ta' tagħlim minn Grupp A: ikunu għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar f'kull wieħed miż-żewġ suġġetti magħżula bħala oqsma ta' tagħlim;

(b) għall-qasam ta' tagħlim minn Grupp B:

(i) għax-Xjenza bi speċjalizzazzjoni fil-Bijoloġija: għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar fil-Bijoloġija u fi kwalunkwe suġġett ieħor, flimkien ma' ċertifikat li għaddew bi Grad C jew aħjar fil-Livell Intermedju fil-Kimika;

(ii) għax-Xjenza bi speċjalizzazzjoni fil-Kimika: għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar fil-Kimika u fi kwalunkwe suġġett ieħor, flimkien ma' ċertifikat li għaddew bi Grad C jew aħjar fil-Livell Intermedju fil-Fiżika; u

(iii) għax-Xjenza bi speċjalizzazzjoni fil-Fiżika: għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar fil-Fiżika u fi kwalunkwe suġġett ieħor, flimkien ma' ċertifikat li għaddew bi Grad C jew aħjar fil-Livell Intermedju fil-Matematika Applikata jew fil-Matematika Pura;

(ċ) għall-qasam ta' tagħlim minn Grupp Ċ:

(i) għall-Home Economics: għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar fil-Home Economics and Human Ecology u f'xi suġġett ieħor;

(ii) għall-Matematika: għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar fil-Matematika Pura u f'xi suġġett ieħor;

(iii) għall-Kompjuting: għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar fil-Kompjuting u f'xi suġġett ieħor, flimkien ma' ċertifikat li għaddew fil-Livell Intermedju bi Grad C jew aħjar fil-Matematika Pura (ċertifikati li għaddew fil-Livell Avvanzat fl-Information Technology jew fil-Matematika Pura ma jistgħux jiġu offruti minflok il-Kompjuting);

(iv) għall-Personal and Social Development: għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar jew fil-Filosofija jew fis-Soċjoloġija u għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar f'xi suġġett ieħor;

(v) għall-Edukazzjoni Fiżika: għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar f'xi żewġ suġġetti, għaddew minn test ta' profiċjenza fl-edukazzjoni fiżika, ikollhom ċertifikat mediku skond il-formola preskritta mill-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport, u jippreżentaw *portfolio* bħala evidenza ta' l-interess u l-impenn tagħhom għall-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport.

(vi) għad-Disinn Tekniku u t-Teknoloġija:

(1) għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar fl-Engineering Drawing jew fil-Komunikazzjoni Grafika u għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar f'xi suġġett ieħor; jew

(2) għaddew f'ħames suġġetti bi Grad 5 jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja, inkluż fl-Ilsien Ingliż u l-Malti, flimkien ma' ċertifikat li għaddew fl-Oqsma ta' l-Għerf fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola fil-Livell Intermedju, u kisbu l-Advanced Technicians Diploma tas-City and Guilds of London Insgtitute, jew kwalifika kkunsidrata bħala ekwivalenti mill-Bord tad-Dħul ta' l-Universita' fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(4) L-applikanti kollha li jagħżlu l-Edukazzjoni Sekondarja bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni huma meħtieġa jgħaddu minn testijiet ta' profiċjenza fl-Ingliż u fil-Kompjuter Bażiku approvati mill-Fakulta'. L-istudenti huma mistennija jgħaddu minn dawn iż-żewġ testijiet qabel it-tmiem tat-tieni sena tal-Kors. Jekk l-istudenti ma jissodisfawx dan ir-rekwizit, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

(5) Minn Ottubru 2006, l-applikanti li ma jgħaddux mit-test ta' profiċjenza fl-Ingliż u li ma jkollhomx l-ECDL qabel il-bidu tal-Kors ma jidħlux fil-Kors.

10. L-applikanti li jkollhom kwalifiki oħrajn ikkunsidrati bħala suffiċjenti jistgħu jiġu eżentati mill-Bord għad-Dħul ta' l-Universita', fuq il-parir tal-Kumitat għad-Dħul tal-Fakulta', mir-rekwiżiti għad-dħul fil-kors kollha jew minn parti minnhom.

It-Tul tal-Kors

11. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

12. L-istudenti huma meħtieġa jiksbu 60 kredtu fis-sena, kif indikat fil-programm ta' studji (inklużi erba' pjazzamenti fl-iskejjel u dissertazzjoni) approvat mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, u skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

Provvediment Speċjali għall-Pjazzamenti fl-Iskejjel

13. (1) Għandu jkun hemm Pjazzament fl-Iskejjel f'kull waħda mill-erba' snin tal-Kors, li jkopri perijodu ta' osservazzjoni u/jew ta' tagħlim fl-iskejjel taħt superviżjoni kif determinat mill-Bord.

(2) Il-Pjazzamenti fl-Iskejjel ikunu evalwati fuq bażi ta' Għadda/Weħel.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jgħaddu mill-Pjazzamenti fl-Iskejjel kollha. L-istudenti jistgħu jagħmlu Pjazzament fl-Iskejjel wieħed biss fi kwalunkwe sena tal-Kors u jitħallew jirrepetu Pjazzament fl-Iskejjel wieħed li jeħlu fih fis-sena ta' wara, sabiex il-Pjazzament fl-Iskejjel finali jsir matul sena żejda ta' studji, jekk permess skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

(4) L-istudenti li l-Pjazzament fl-Iskejjel tagħhom jinkludi t-tagħlim ta' żewġ oqsma ta' tagħlim u li ma jissodisfawx lill-eżaminaturi fit-tagħlim ta' wieħed mill-oqsma ta' tagħlim ikunu kkunsidrati li weħlu fil-Pjazzament fl-Iskejjel. Dawn l-istudenti jkunu meħtieġa jirrepetu l-Pjazzament fl-Iskejjel skond il-paragrafu (3) ta' dan l-ordinament u skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali. L-istudenti jistgħu jitħallew jirrepetu l-Pjazzament fl-Iskejjel fit-tagħlim tal-qasam ta' tagħlim li weħlu fih biss taħt dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Bord.

(5) L-istudenti huma meħtieġa jirrispettaw il-Kodiċi ta' Etika għall-Pjazzament fl-Iskejjel ippubblikata mill-Bord. Kwalumkwe ksur ta' din il-Kodiċi ta' Etika tkun riferuta lill-Bord ta' Dixxiplina *ad hoc* maħtur mill-Bord u tista' ssir rakkomandazzjoni lis-Senat għat-tkeċċija mill-Kors.

(6) L-istudenti li, għal raġunijiet validi, ma jattendux sa ħamest ijiem għandu jkollhom dak il-Pjazzament fl-Iskejjel partikolari mġedded bl-istess għadd ta' ġranet. Dawk li ma jattendux għal sitt ijiem jew aktar ikollhom jagħmlu Pjazzament fl-Iskejjel sħiħ matul sena żejda ta' studji.

(7) Il-Bord għandu jaħtar ta' l-inqas żewġ eżaminaturi addizzjonali għal kull student. L-eżaminatur addizzjonali ewlieni huwa mitlub jippreżenta r-rapporti tal-valutazzjoni għall-konsiderazzjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi tal-Pjazzament fl-Iskejjel. Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu, skond ir-Regolamenti ta' l-Eżamijiet ta' l-Universita', jagħmel il-proċedura li trid tintuża għat-tmexxija tal-valutazzjoni tal-Pjazzament fl-Iskejjel u huma stess jistgħu jagħmlu żjajjar ta' valutazzjoni lil studenti partikolari kif jidhrilhom xieraq.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

14. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, li kull waħda tingħata l-istess piż.

15. Fil-każ biex tingħata l-klassifikazzjoni ta' l-Ewwel Klassi bl-Unuri, il-Bord tal-Klassifikazzjoni tal-Grad għandu jqis il-livell milħuq mill-istudenti matul il-Pjazzamenti fl-Iskejjel.

16. Il-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ippubblikata skond ir-Regolamenti Prinċipali.